MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 22/2011

**Appell Numru : 153/10CF**
**PA 1716/09**

**Michael Axisa ghan-nom ta' Lay Lay Company Limited**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lay Lay Company Limited (C 4534) datat 16 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi b'applikazzjoni tat-22 ta' April 2009, l-appellanti talbet fir-rigward tal-fondi 6, 7, 8 u 9 fi Triq Guzeppi Vella,

kantuniera ma' Triq Joseph Gravina, Ghaxaq, "to sanction minor differences from PB2124/87/880/84 - to sanction garages as built".

Illi fid-19 ta' Mejju 2010 l-applikazzjoni tal-appellanti giet rifjutata billi s-sit gie kkunsidrat bhala wiehed *"outside the limits for development of Ghaxaq and so it is located in an area which should remain undeveloped and open. The proposed development would run counter to this scheme and would represent unacceptable urban development in the countryside."*.

Illi l-appellanti pprezentat appell minn dan ir-rifjut quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, illum it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell gie deciz permezz ta' sentenza moghtija fid-9 ta' Gunju tas-sena 2011, liema decizjoni kkonfermat ir-rifjut tal-Awtorita` tad-19 ta' Mejju 2010.

Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata minn din id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tad-9 ta' Gunju 2011 u ghaldaqstant qed tinterponi dan l-umili appell ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u ser jigu elaborati aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.

L-esponent bir-rispett jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar minn fejn jirrizulta kif dan it-Tribunal naqas milli jikkunsidra u jiddeciedi dwar kwistjonijiet legali u sottomissjonijiet li qajmet l-esponenti fl-appell taghha. L-esponenti ser tibda biex tikkwota mill-appell li gie pprezentat mill-Perit Catherine Galea u datat 25 ta' Mejju 2010 li dwar l-aggravji tal-esponenti mir-rifjut moghti fil-konfront tal-applikazzjoni taghha jghid hekk:

"(1) This application is not for a new development;

(2) The site was committed by development in 1987 after the issue of permit PB2124/87/880/84;

(3) As per proposal this application was to sanction the minor differences fromPB2124/87/880/84;

(4) In view that the changes were minor the Directorate recommended this application for approval;

(5) Many such applications which sought to sanction minor differences from PAPB permits have been granted by DCC boards previously.”

Jigi sottomess kif l-Onorabbli Tribunal illimita ruhu unikament li jikkonstata l-istorja relattiva ghas-sit mertu ta’ l-appell odjern ghal dak li jirrigwarda l-izvilupp hemm imwettaq u li jabbraccja d-decizjoni raggunta mill-Awtorita` li m’ghandu jkun permess l-ebda permess f’zoni li jaqaw ODZ. Madanakollu, it-Tribunal bir-rispett kollu naqas milli jevalwa c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tad-Direttorat favur l-ghoti tal-permess mitlub. Fil-fatt, is-sentenza hawn attakkata fl-ebda waqt ma tindirizza ir-rapport mahrug mill-case *officer* u dan nonostante ghal fatt illi l-esponenti pprezentat bhala aggravju taghha kontra r-rifjut mahrug mill-Awtorita` proprju illi “In view that the changes were minor the Directorate recommended this application for approval”. Issir referenza ghal tali rapport li ta s-segwenti ragunijiet ghar-rakkomandazzjoni favur l-applikazzjoni:

“According to document “13 C” (floor plan and elevation), the existing garages are currently covering an approximate site area of 141sq.m. (the yard of the fourth garage included in the calculation of the floor area) and has an overall height of 3.4m (taken along the access road). It was observed that the building permit PB 880/84 limited the floor area of the garages at ground floor level to 154sq.m. and the overall height (including the roof slab) to 3.4m (doc 3C). Thus, the request for sanctioning is considered to be compliant with the objectives of Structure Plan policies AHF 1 and SET 11 since the existing building as constructed did not lead to the further take-up of fresh land (the existing building is covering an area which is less than that approved) and the approved height (including the roof slab) was also retained.

*Omissis*

The proposed development is being favorably considered and thus it is being recommended for approval since it did not lead to the further take-up of fresh land, retained the approved height (including the roof slab), does not have an adverse impact on the surrounding environment and aims to minimize the visual impact of the existing building on the surrounding countryside."

L-esponenti tirrileva kif l-applikazzjoni odjerna kellha tigi kkunsidrata mill-Onorabbli Tribunal unikament fuq il-mertu taghha u bhala distinta mill-ewwel applikazzjoni li gja tressqet mill-appellanti u biex jaghmel dan certament li kellu jikkunsidra dak li spjega l-*case officer* aktar 'il fuq imsemmi - haga li ma saritx ghaliex semmai t-Tribunal kien ta' lanqas jirreferi ghal tali rapport u jikritika l-istess f'kaz li ma kienx jaqbel mieghu.

*In oltre*, t-Tribunal b'mod lampanti naqas milli jikkunsidra wkoll is-sottomissjoni mressqa mill-esponenti dwar il-fatt illi "many such applications which sought to sanction minor differences from PAPB permits have been granted by the DCC Boards previously".

Bhala organu ta' revizjoni, it-Tribunal kellu l-obbligu li jezamina l-fatti relattivi ghal kaz odjern, kif murija permezz tal-provi prodotti mill-esponenti, u jinvestiga jekk effettivament kienx jezisti kaz ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-esponenti. L-esponent allega, u ressaq provi relattivi, li l-Awtorita` gja kienet accettat applikazzjonijiet simili ghal dawk tal-esponenti fejn persuni bi proprjeta` li taqa ODZ talbu u ottjenew permessi "to sanction". Fis-sentenza hawn attakkata, lanqas biss issir referenza ghal tali sottomissjoni u wisq anqas saret l-investigazzjoni kif mehtieg mit-Tribunal. Jigi rilevat illi gjaladarba gew sanzjonati zviluppi ohra fl-istess lokalita`, li wkoll kienu jaqaw ODZ u ma kienux konformi jew koperti bil-permessi mehtiega, sinjal li l-pjanijiet u l-*policies* viggenti ghal lokalita` fejn jinsab is-sit in kwistjoni kienu jippermettu li jsir tali sanzjonar u bl-istess mod kellu jigi permess li tigi

akkolta l-applikazzjoni mressqa mill-esponenti ghas-sanzjonar tal-izvilupp minnha mwettaq. Madanakollu, dan il-punt lanqas biss gie trattat mit-Tribunal.

Dak kollu hawn fuq sottomess ifisser illi l-Onorabli Tribunal naqas milli jiddeciedi dwar il-punti fuq imsemmija li ressaq l-esponent bhala difiza tieghu u konsegwentement naqas mid-dover tieghu li juza d-diskrezzjoni li l-legislatur ikkonferixxa fuqu meta tah il-gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` dwar kull haga ta' kontroll tal-izvilupp. Bir-rispett kollu dovut, dan in-nuqqas jammonta ghal zball ta' ligi li jirrendi bhala nulla u invalida d-decizjoni moghtija minnu. Jiggi osservat kif fi kliem l-Onorabbli Qorti tal-Appel (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ***Max Zerafa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp*** (deciza fit-12 ta' Jannar 2004): *"l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien obbligat, bhal kull Qorti, li tezamina l-aggravji tal-appellanti u s-sottomissjonijiet tal-parti, tindika dwarhom u taghti d-decizjoni taghha, ghaliex fuq kollox dak huwa l-iskop li huwa tenut li decizjoni ghandha tkun motivata, u dan wkoll sabiex mhux biss il-gustizzja ssir izda tidher li qed issir. Dan huwa l-principju li din il-Qorti dejjem imxiet bih u hekk hija obbligatat taghmel, u bl-istess principji huwa marbut l-istess Bord".*

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippanar tad-9 ta' Gunju 2011 fl-isemijiet fuq premessi u tiddeciedi adesivament mal-appell originali tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita` appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2011.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 16 ta' Novembru 2011 a fol 8 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**Michael Axisa vs**

**Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**” deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 21 ta’ Novembru 2011 a fol 47 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir *ai termini* tal-**artikolu 41(6) tal-Kap. 504** li jghid hekk:

*“Id-decizjonijiet tat-Tribunal għandha tkun finali. Appell mill-appellant, jew minn kull partijiet oħra fl-appell, għandu jkun fil-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-**artikolu 41(6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili** minn dawn id-decizjonijiet biss fuq punti ta’ ligi decizi mit-Tribunal fid-decizjoni tagħha.”*

Huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tat-Tribunal dan ghandu jsir minn punti ta’ ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem it-Tribunal u li jkunu gew decizi mill-istess Tribunal. Dan kien konfermat diversi drabi b’sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza ***Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp***, (decizjoni tal-31 ta’ Mejju 1996) fejn gie spjegat li:

*“Din il-Qorti tista` tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta’ dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m’hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta’ fatt, fuq kwistjonijiet ta’ apprezzament ta’ provi……Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta’ dritt, **li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definite` fid-decizjoni appellata**”.*

2. Illi in succinct l-aggravji tal-appellant huma li t-Tribunal naqas li jevalwa l-kaz fid-dawl tar-rakkomandazzjoni favorevoli tad-Direttorat u li naqas milli jikkonsidra s-sottomissjoni tieghu li kien hemm diversi applikazzjonijiet simili li gew approvati u ghalhekk qed jallega diskriminazzjoni kontra tieghu.

3. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva li d-DCC u t-Tribunal m'humiex marbuta mar-rakkomandazzjoni tad-Direttorat, u ghalkemm din tkun favorevoli, kemm id-DCC u t-Tribunal, wara li jqisu c-cirkustanzi tal-kaz, ghandhom il-poter u d-dritt li jiddeciedu b'mod li jmur kontra r-rakkomandazzjoni tad-Direttorat.

Illi fit-tieni lok, it-Tribunal iddecieda l-appell b'applikazzjoni cara tal-*policies* vigenti wara li ha in kunsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz. Indipendentment minn dak li ntqal mill-appellant u cioe' li nghataw permessi f'sitwazzjonijiet simili, t-Tribunal qal li: *"Is-sit in kwistjoni hu definittivament ODZ – cioe' barra z-zona tal-izvilupp – hekk kien definit u klassifikat fil-bidu tal-process – u hekk gie kkonfermat wara li gie konkluz l-Pjan Lokali ghal din l-area partikolari. … M'hemm l-ebda gustifikazzjoni fil-kuntest tal-Policies tal-Pjan ta' Struttura, li s-sanctioning propost jigi approvat. L-izvilupp ta' graraxxijiet hu wiehed urban u ma jistax jigi approvat f'area li hi barra z-zona tal-izvilupp. Skont l-istess Policies, f'area ODZ eccezzjonalment jista' jigi approvat zvilupp relatat mal-agrikoltura; izda ma jistax jigi approvat dak li qed jigi propost mill-appellant."*

Illi ghalhekk, ghalkemm jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn gie approvat zvilupp barra ODZ f'kaz relatat mal-agrikoltura, dan m'huwiex il-kaz fl-appell odjern u ghalhekk it-Tribunal korrettement iddecieda dan l-appell billi applika l-*policies* relattivi fic-cirkostanzi tal-kaz u cahad l-applikazzjoni.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar moghtija nhar id-9 ta' Gunju 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-9 ta' Gunju 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Jacqueline Grech ghall-appellant, u Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2012

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tas-socjeta' appellanti huwa fis-sens li t-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar ma ikkunsidrax il-kwistjonijiet legali u sottomissjonijiet maghmula minnha u dan fih innifsu rrendi l-istess decizjoni nulla.

Illi s-socjeta' appellanti isostni li hjija kien ghamlet l-appell sabiex tissanzjona alterazzjonijiet li saru fl-izvilupp li dwaru kien inhareg permes PB2124/87/880/84, tant li d-Direttorat kien favur li dawn jigu approvati ghar-ragunijiet hemm moghtija citati wkoll fl-istess rikors tal-appell (pagna 2 u 3), u dan ghaliex gja kien jezisti permess fuq l-istess sit mahrug mill-Awtorita' stess, l'alterazzjonijiet kif jghid ir-rapport ma kienux hadu iktar art ghall-izvilupp minn dik gja koperta mill-permess, u wkoll l-gholi permess gie wkoll rispettat, u apparti dan kien hemm diversi applikazzjonijiet bhal dawk taghha li talbu sabiex jissanzjonaw dawk li jissejhu minor differences from PAPB permits li wkoll inltlaqghu mid-DCC.

Illi fil-fatt minn qari tad-decizjoni jidher li din qaghdet fuq ir-rapport ta' Martin Scicluna datat 23 ta' Lulju 2010, li kull ma ghamel kien biss li ta' storja ta' dan il-permess u l-izvilupp u bl-ebda mod ma ikkonsidra lanqas minimament dak sottomess mill-appellanti u allura proprju l-aggravji tal-istess. Anzi jidher li huwa tratta l-istess applikazzjoni odjerna bhala wahda qisu fuq l-istess sit ma kienx hemm gja permess ezistenti u allura kull ma ghamel kien li applika l-policies vigenti ghall applikazzjoni li kienet qisha

qed titlob li jinhareg permess ghall zvilupp l-ewwel darba fuq l-istess sit li huwa ODZ. Ovvjament minn dak sottomess dan ma kienx il-kaz li l-istess socjeta' appellanti ssottometiet ghall konsiderazzjoni tal-Bord u llum it-Tribunal, u jidher li dan ir-rapport ghaliex lanqas jibda sabiex jindirizza l-aggravji tas-socjeta' appellanti – aggravji li jekk jinqara r-rapport qishom lanqas biss saru ghaliex l-applikazzjoni giet trattata qisu fuq l-istess sit ma kienx hemm permess, tant li lanqas inghata kaz ta' d-Direttettat kien irrakomanda li tali applikazzjoni tigi milqugha. Il-Qorti mhux qed tghid li la darba d-Direttorat kien irrakomanda hekk mela allura l-Awtorita' kellha timxi mal-istess, izda certament li jekk l-Awtorita' ma taqbilx mieghu, kellha taghti ragunijiet specifici ghaliex qed tinjora l-istess rapport, izda li tinjora ghall kollox l-istess, certament ma huwiex accettabbli u zgur li jikser id-drittijiet ta' parti li ghandha dritt ghal smiegh xieraq u wkoll li s-sottomissjonijiet taghha jigu kkunsidrati, u mhux injorati qieshom ma sarux.

Illi jekk mbaghad il-Qorti thares lejn id-decizjoni tat-Tribunal jidher li l-istess organu, li huwa independenti mill-Awtorita', ghamel l-istess tant li jidher li adotta dak li gie sottomess lilhu mill-imsemmi Martin Scicluna fir-rapport tieghu, li huwa naturalment adett tal-istess Awtorita', u injora ghall kollox is-sottomissjonijiet maghmula mis-socjeta' appellanti.

Illi fil-fatt fid-decizjoni jinghad li t-Tribunal ikkonsidra ulterjorment li:-

"*Kif jirrizulta mill-permess l-kwistjoni mhix wahda ricenti – anzi ghall kuntrarju diga ha l-kors tieghu l-process kollu – billi fuq applikazzjoni tista' tghid indentika, kien hemm rifjut; sar appell li gie michud mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar; sar appell lill-Qorti – li gie wkol michud.*

*"Is-sit in kwistjoni hu definitivament ODZ – cjoe' barra z-zona ta' l-izvilupp – hekk kien definit u klassifikat fil-bidu tal-process – u hekk gie ikkonfermat wara li gie konkluz l-Pjan Lokali ghal din l-area partikolari.*

*Bl-applikazzjoni PA 5646/98 – l-appellant talab permess “to regularise construction of garages”, bl-applikazzjoni prezenti, mertu ta’ dan l-Appell PA 1716/09, l-appellant qed jitlob “to sanction minor differences – to sanction garages as built”.*

*L-applikazzjoni jirreferu t-tnejn ghall-istess sit – u m’hemmx dubju li bit-tieni applikazzjoni l-process rega gie ripetut u fil-frattemp l-illegalita’ baqghet fuq is-sit impunet.*

*“M’hemm l-ebda gustifikazzjoni fil-kuntesty tal-Policies tal-Pjan ta’ Struttura, li s-sanctioning propost jigi approvat. L-izvilupp ta’ garaxxijiet hu wiehed urban u ma jistax jigi approvat f’area barra z-zona ta’ zvilupp. Skond l-istess Policies, f’area ODZ eccezzjonalment jista’ jigi approvat zvilupp relattat mal-agrikoltura; izda ma jistax jigi approvat dak li qed jigi propost mill-appellant.*

*Finalment issir riferenza ghad-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar PAB 126/99 TCS tal-20 ta’ Awissu 2003, decizjoni ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Gunju 2004.*

*It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-Appell, billi jichad l-istess u jikkonferma r-rifjut ta’ l-Awtorita’ tad-19 ta’ Mejju 2010”.*

Illi din hija l-konsiderazzjoni tat-Tribunal hawn citata fl-intier taghha u minnha jirrizulta li l-ebda wahda mill-aggravji tal-appellanti ma gew trattati mill-istess Tribunal, nuqqas li huwa serju ghaliex allura jirrizulta li Tribunal kostitwit indipendentement mill-Awtorita’ ma tax lanqas biss additu jew konsiderazzjoni ghall-appellant u applikant li qed jappella minn decizjonijiet tal-Awtorita`, u dan meta tali Tribunal ma huwiex parti mill-istess Awtorita – u allura hemm differenza importanti bejn ir-rwol ta’ addett ta’ l-Awtorita’ li jaghmel ir-rapport tekniku ghall-Awtorita (li jista’ jinghad ukoll hafna fuqu) u ir-rwol tat-Tribunal li ghandu jeddiciedi l-kaz proprju bejn l-Awtorita’ u l-applikant u allura huwa *super partes*. Meta Tribunal jaghti kaz biss sottomissjonijiet ta’ parti wahda u jinjora kompletament is-sottomissjonijiet ta’ parti ohra, dan iwassal sabiex mhux

biss il-gustizzja ma ssirx izda lanqas tidher li qed issir, iktar u iktar jekk jigi b'xi mod percepit li t-Tribunal huwa parti mill-Awtorita' meta jidher car mid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 40 tal-Kap. 504** li tali membri tat-Tribunal huma mahtura mill-President ta' Malta fuq il-parir tal-Ministru u li tali membri huma ghal kollox awtonomi tant li ma humiex skond l-**artikolu 40 (5)** *"soggetti ghall-kontroll jew id-direzzjoni ta' xi persuna jew awtorita' ohra..."* u l-hlas tal-onorarju tal-membri tal-istess Tribunal huwa provdut skond l-**artikolu 40 (7) tal-Kap. 504** mill-Fond Konsolidat.

Illi din il-Qorti thoss li mill-bran citat f'din is-sentenza jirrizulta bla ebda ombra ta' dubju li l-istess Tribunal bl-ebda mod ma kkonsidra u wisq inqas tratta l-aggravji tas-socjeta' appellanti quddiemu li kienu ghal kollox differenti mill-punti li huwa ta d-decizjoni dwarhom, li fil-fatt lanqas biss kienu kontestati, u dan ghaliex l-istorja ta' dan il-permess hija dik li hija, u l-punt il-kontestazzjoni ma kienx dak izda dak sottomess mis-socjeta'appellanti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-appell taghha datat 3 ta' Gunju 2010, li huma wkol elenkati f'dan l-appell, u ghalhek jidher car li minhabba li dawn l-aggravju bl-ebda mod ma gew trattati fid-decizjoni, mela allura dan irendi d-decizjoni tal-istess Tribunal f'dan il-kaz bhala nulla u bla effett.

Illi dan hawn deciz huwa konsistenti ma' dak dejjem ritenut minn dawn il-Qrati fil-kompetenzi varji taghhom inkluz proprju fis-sentenza **"Max Zerafa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) -12 ta' Jannar 2004) fejn inghad li:-

*"l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien obbligat, bhal kull Qorti, li tezamina l-aggravji tal-appellanti u s-sottomissjonijiet tal-parti, tindika dwarhom u taghti d-decizjoni taghha, ghaliex fuq kollox dak huwa l-iskop li huwa tenut li decizjoni ghandha tkun motivata, u dan wkoll sabiex mhux biss il-gustizzja ssir izda tidher li qed issir. Dan huwa l-principju li din il-Qorti dejjem imxiet bih u hekk hija obbligatat taghmel, u bl-istess principji huwa marbut l-istess Bord".*

Illi dan manifestament ma sarx u dan huwa fih innifsu punt ta' dritt appellabbli quddiem din il-Qorti kemm taht il-**Kap. 356** u kemm taht **l-Kap. 504** u ghalhekk ghal din ir-raguni l-appell odjern qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta' tal-Awtorita' appellata datata 21 ta' Novembru 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Michael Axisa ghan-nom ta' Lay Lay Company Limited fir-rikors tal-appell datat 30 ta' Gunju 2011 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz**, u ghalhekk din il-Qorti qed tirrevoka u tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet premessi "Michael Axisa ghan-nom ta' Lay Lay Company Limited vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" datata 9 ta' Gunju 2011 (Appell Numru 153/10/CF) u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li jista' jiehu konjizzjoni tal-kaz skont il-ligi, sabiex fid-dawl ta' dak deciz f'din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------